# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

# S.T.O. PRIM IMHALLEF
# JOSEPH AZZOPARDI

## Illum it-Tlieta, 23 t'Ottubru 2018

**Kawża Nru: 1**

**Rik Ġur Nru: 1343 / 10 JA**

**Carmel sive Charles Micallef**

**-vs-**

**Joseph Frederick Micallef u l-Avukat Dr Juliette Galea bħala mandatarja tal-assenti Edwin Micallef; u b'digriet tas-16 ta' Mejju 2017 Dr Juliette Galea ġiet estromessa mill-atti u minflok ġew nominati bħala kuraturi Dr Josette Sultana u l-Prokuratur Legali Nicolette Aquilina biex jirrappreżentaw lill-istess assenti; u b'digriet tas-26 ta' Lulju 2017 il-Prokuratur Legali Nicolette Aquilina ġiet sostitwita bil-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Carmel *sive* Charles Micallef li ġie

ppreżentat fit-30 ta' Diċembru 2010 fejn ġie premess:

Illi skont testament *unica carta* fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat tat-30 ta' Ottubru, 1978 l-esponent rikorrenti flimkien ma' ħutu l-assenti Edwin Micallef u l-intimat l-ieħor Joseph Frederick Micallef ġie istitwit ko-eredi universali tal-assi ereditarji ta' ommu Antoinette Micallef nee Barbara li mietet fit-8 ta' Diċembru, 1979.

Illi l-esponent rikorrent huwa wkoll leġittimarju fl-assi ereditarji ta' missieru Joseph Micallef magħruf ukoll bħala Micallef Inguanez skont testament fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat tas-26 ta' Ġunju 1997 Joseph Micallef miet fit-2 ta' Marzu, 2002.

Illi l-eredita' tal-mejtin Joseph u Antoinette għadha ma ġietx diviża u għalhekk l-aħwa Carmelo *sive* Charles – esponent rikorrent f'din il-kawża – u Edwin u Joseph Frederick aħwa Mcallef – intimat f'din il-kawża – għadhom in kommunjoni fl-assi ereditarji tal-omm u huma debituri kwantu l-porzjoni riservata mill-wirt tal-missier.

Illi l-intimat Joseph Frederick Micallef, skont l-imsemmija testmenti, ġie nominat eżekutur testamentarju, fir-rigward kemm l-eredita' tal-omm kif ukoll dik tal-missier, u kwantu dan, huwa pproċeda quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Ċivili, sabiex jiġi imwettaq u konfermat eżekutur testamentarju.

Illi minħabba diversi irreġolaritajiet kemm formali u kemm materjali li jiġu ppruvati waqt is-smigħ ta' din il-kawża, t-talba għat-twettiq u konferma

tal-intimat Joseph Frederick Micallef bħala eżekutur testmentarju qatt ma saret u prova ta' dan huma tentattivi varji sabiex dan isir.

Illi l-liġi tipprojbixxi espressament illi eżekutur testamentarju jindaħal fl-amministrazzjoni tal-assi qabel ma jiġi mwettaq u konfermat mis-Sekond' Awla tal-Qorti Ċivili.

Illi sa mid-data tal-mewt tal-missier fit 2 ta' Marzu 2002 il-konvenut intimat ħa l-pussess tal-proprjetajiet formanti parti mill-ereditajiet imsemmija u beda jamministrahom esklussivament hu u beda jamministra l-assi ereditarji l-oħra kollha u jirċievi flus relatati ma' l-imsemmija assi u dan mingħajr ma jagħti rendikont tagħhom jew jiddepożitahom f'kont jew kontijiet komuni għall-eredi kollha.

Illi saħansitra aċċess għall-propjeta immobiljari formanti parti mill-ereditajiet imsemmija ingħata lill-esponent rikorrent f'Novembru 2006 u dan wara li sari xi kawżi mill-istess esponent rikorrentli effettivament kienu ġew ċeduti.

Illi fl-espletar tal-amministrazzjoni ta' 'l fuq imsemmija assi ereditarji l-intimat Joseph Frederick Micallef b'mod għal kollox abbużiv, illegali, b'negliġenza u imperizja kkawża żvalutazzjoni ta' u deterjorament fil-valur tal-assi formanti parti mill-imsemmija ereditajiet tal-ġenituri u dan barra telf ta' imgħaxxijiet u telf ta' dħul mill-flejjes li jifformaw parti mill-imsemmija assi.

Illi ukoll fl-espletar minnu ta' din l-amministrazzjoni u b'mod partikolari fil-preparazzjoni u formazzjoni minnu tal-inventarju meħtieġ skont il-liġi

bħala parti mill-proċess għall-konferma tiegħu bħala eżekutur testamentarju mis-Sekond' Awla tal-Qorti Ċivili, l-intimat Joseph Frederick Micallef għamel dikjarazzjonijiet skorretti u qarrieqa mirati sabiex jippreġudika d-drittijiet ereditarji tal-attur rikorrent.

Illi *oltre* dan b'atti mirati sabiex xjentement u dolożament jippreġudikaw l-interessi u d-drittijiet tal-esponent rikorrent l-intimat Joseph Frederick Micallef ipprova jbiegħ sehemu mill-eredita tal-ġenituri tiegħu b'mod iżda li jissottoskrivi għall-kundizzjonijiet li setgħu u jistgħu jiggravaw u jippreġudikaw s-sehem il-mittienti.

Illi minkejja li l-esponent rikorrent interpella lill-intimat Joseph Frederick Micallef sabiex jiddesisti minn dawk l-atti abbużivi, illegali, negliġenti, imprudenti, skorretti u qarrieqa u jersaq għall-likwidazzjoni tad-danni kollha kawżati lill-esponent rikorrent dana baqa' inadempjenti u għalhekk l-esponent rikorrent kien kostrett jistitwixxi proċeduri appożiti sabiex l-intimat Joseph Frederick Micallef jiġi dikjarat responsabbli ta' aġir abbużiv u illegali, negliġenti u imprudenti, skorrett u qarrieq fl-amministrazzjoni tal-assi ereditarji tal-ġenituri tiegħu liema aġir wassal għal telf u danni lill-esponent rikorrenti konsistenti fi żvalutazzjoni ta' u deterjorament fil-valur tal-assi formanti parti mill-imsemmija ereditajiet tal-ġenituri, barra telf ta' imgħaxxijiet u telf ta' dħul mill-flejjes li jifformaw parti mill-imsemmija assi ereditarji. Dawn il-proċeduri jinsabu llum pendenti.

Illi l-esponent rikorrenti riċentament sar jaf li l-istess intimat Joseph Frederick Micallef irrinunzja għall-eżekuttorja u beda' flimkien ma' ħuh l-intimat l-ieħor f'dan ir-rikors Edwin Micallef l-proċess sabiex jillikwida

parti mill-assi ereditarji senjatament dawk konsistenti fi flejjes miżmuma f'kontijiet bankarji u fi *stocks* varji.

Illi tali likwidazzjoni u qasma qiegħda ssir qabel ma ġew likwidati u diviżi l-assi ereditarji kollha u mingħajr ma' qiegħed jingħata konsiderazzjoni, kont u sodisfazzjoni ta' dak li qiegħed isir u tal-fatt li hemm sehem tar-rikorrent esponent minn dawn l-istess flejjes.

Illi rriżulta li l-intimati diġa' llikwidaw u qasmu bejniethom xi flus li kienu depożitati f'xi banek lokali.

Illi dan l-aġir barra li huwa irregolari u jmur kontra l-liġi, manifestament jilledi d-drittijiet tal-esponent rikorrent għad illi huwa intiż sabiex jipprivah mill-parti mill-assi li huma legittimament tiegħu billi huma parti mill-wirt tal-ommu li tiegħu l-istess rikorrent esponent huwa wieħed mill-eredi.

Illi għalhekk l-esponent rikorrent talab u ottjena l-ispedizzjoni ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimati sabiex dawn jiġu inibiti milli jillikwidaw jew ikomplu jillikwidaw assi konsistenti fi flus depożitati b'banek jew miżmuma fi *stocks* u ishma.

Illi din il-kawża hija meħtieġa sabiex barra li żżomm *in vigore* l-imsemmi Mandat ta' Inibizzjoni tesperixxi t-talba għall-likwidazzjoini, diviżjoni u assenjazzjoni ta' dak li huwa sehem l-esponent rikorrent mill-assi ereditarji ta' ommu u l-likwidazzjoni u ħlas tal-porzjoni riservata mill-wirt tal-missier.

Għalhekk l-esponent rikorrent, in vista ta' dak kollu fuq premess, jitlob lill-

intimati jgħidu għaliex dina l-Onorabbli Qorti ma għandhiex:

(i) Okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, ai termin tal-Artikolu 906 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili – Kap 16 tal-Liġiet ta' Malta – tillikwida l-assi ereditarji tad-defunta Antoinette Micallef nee Barbara u Joseph Micallef magħruf ukoll bħala Micallef Inguanez illi s'issa għadhom ma ġewx diviżi u assenjati skont il-liġi u li l-konsistenza tagħhom sejra tiġi ppruvata fil-kors tas-smigħ tal-kawża: u

(ii) Tiddividi l-assi ereditarji li jappartjenu għall-wirt tad-defunta Antoine Micallef f'porzjonijiet ugwali bejn l-esponent rikorrent u l-intimati u tassenja porzjon kull wieħed lill-istess esponent rikorrent u l-intimati;

(iii) Tillikwida l-porzjoni riżervata lill-esponent rikorrent mill-liġi bħala leġittima mill-assi ereditarji ta' missieru Joseph Micallef magħruf ukoll bħala Micallef Inguanez wara li jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża il-konsistenza ta' dawn l-istess assi ereditarji.

(iv) Tiddikjara li l-likwidazzjoni, diviżjoni u assenjazzjoni ta' flejjes miżmuma f'kontijiet bankarji bejn l-intimati qabel ma' saret il-likwidazzjoni tal-assi ereditarji tad-defunta Antoinette Micallef nee Barbara u Joseph Micallef magħruf ukoll bħala Micallef Inguanez u allura qabel ma ġie determinat u konstatat jekk dawn il-flejjes kienux jappartjenu u jifformaw parti mill-assi ereditarji tad-defunta Antoinette Micallef ukoll u allura spettanti ukoll lill-esponent

rikorrent kienet waħda irregolari, abbużiva, illeġittima u leżiva tad-drittijiet tal-esponent rikorrenti: u

(v) Tillikwida dak l-ammont minn l-imsemmija flejjes miżmuma f'kontijiet bankarji li kienu jappartjeni u jifforma parti mill-assi ereditarji tad-defunta Antoinette Micallef u għalhekk dovut lill-esponent rikorrent; u

(vi) Tikkundanna lill-intimati sabiex solidalment bejniethom iħallsu l-ammont hekk likwidat lill-istess esponent rikorrent.

Bl-imgħaxxijiet legali kemm kwanti għall-ammont tal-porzjoni riservata sa mid-data ta' meta din saret dovuta u kellha għalhekk titħallas u kif ukoll kwantu kull ammont ieħor dovut bħala sehem l-esponent rikorrent mill-assi ereditarji tal-omm u bl-ispejjeż inkluż dawk tal-Mandat ta' Sekwestru ppreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors, kontra l-intimati li minn huma ngunti għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Joseph Frederick Micallef u l-assenti Edwin Micallef, li ġiet ippreżentata fis-7 ta' Frar 2011 fejn eċċepew:

(1) Illi fl-ewwel lok, din m'hiex l-ewwel kawża li fetaħ l-attur fuq il-wirtijiet ta' ommu u missieru, iżda fetaħ żewġ kawżi oħrajn li mbagħad it-tnejn ċedihom (175/04 GCD u 926/05 JRM) u hemm ukoll kawża oħra pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti

diversament preseduta, u kif ser jingħad aktar 'l isfel;

(2) Illi minkejja li l-attur kellu kull informazzjoni sabiex jindika eżattament lill-intimati x'kien qed jippretendi bħala eredi ta' ommu u leġittimarju ta' missieru, l-attur ipproċeda b'din il-kawża, mingħajr ma bagħat lill-intimati is-solita ittra uffiċjali fejn indika biċ-ċar il-pretenzjonijiet tiegħu, ġaladarba dak kollu propost u re-propost lilu mill-intimati ġie rifjutat minnu;

(3) Illi fis-sena elfejn u tmienja l-istess attur fetaħ il-kawża bin-nru 489/2008 kontra wieħed mill-intimati odjerni. Din l-ewwel kawża li titratta ħax azzjoni korretta sabiex jgħaddi lill-istess attur sehmu mill-wirt ta' ommu u l-legittima ta' missieru. Peress li f'dik il-kawża hemm talbiet li huma konnessi mal-kawża odjerna jew jistgħu jaffetwaw l-eżitu tal-istess, l-imsemmija tieni kawża tieħu konjizzjoni tagħha l-ewwel Qorti ai termini tal-art. 792 u 793 (1) tal-Kap 12. L-esponenti umilment jgħarrfu lil din l-Onorabbli Qorti li ser jiġi intavolat rikors f'dan is-sens quddiem il-Qorti kif preseduta;

(4) Illi fl-imsemmija kawża biċ-ċitazzjoni numru 489/2008, diġa' hemm xhieda sostanzjali dwar il-konsistenza tal-assu erditarju tal-omm kif ukoll ta' missier il-kontendenti, u jirriżulta biċ-ċar, li minkejja l-isforzi tal-intimati, liema sforzi kienu li jissuperaw dak mistenni minnhom skont il-Liġi, kien l-attur innifsu li dejjem ostakola l-proċess ta' diviżjoni u dan kif jirriżulta mill-evidenza li ppreżenta r-reġistratur tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Volontarja) fil-mori ta' dik il-kawża;

(5) Illi dwar l-ewwel u t-tieni talbiet trid issir distinzjoni legali u fattwali bejn il-wirt matern u dak patern tal-kontendenti fis-sens lili fil-każ tal-wirt matern, is-suċċessjoni ta' liema ġiet miftuħa f'Diċembru 1979, il-kontendenti kienu eredi ugwali, flimkien ma' missierhom, mentri fil-każ tal-wirt patern, is-suċċessjoni infetħet f'Marzu 2002, u l-attur hu biss leġittimarju;

(6) Illi l-attur għandu jindika x'inhi l-konsistenza tal-wirt matern u dak patern, u dana l-attur seta' faċilment jasal għalih kemm mill-informazzjoni li għadda lilu kif ukoll il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja l-intimat Joseph F. Micallef, kif ukoll mix-xhieda ta diversi istituzzjonijiet finanzjarji fil-mori tal-kawża bin-numru 489/2008;

(7) Illi dwar il-leġittima paterna spettanti lill-attur, l-esponenti jaqblu li t-talbiet talba tal-attur għandha tiġi milqgħuha, basta l-ispejjeż involuti fil-komputazzjoni ta' tali leġittima jbagħtihom l-istess attur, *stante* li kien l-istess attur li għamel dak kollu li seta' sabiex jistorna l-proċess ta' tali likwidazzjoni, u dan kif fer jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża;

(8) Illi r-raba' talba għandha tiġi respinta *in toto* l-ewwelnett għaliex fil-fatt dawn kienu flejjes appartenenti u intestati f'isem il-missier għal diversi snin, u għaliex ma kien hemm xejn irregolari f'tali proċedura, tant illi l-esponenti kellhom il-pjena kollaborazzjoni tal-istuzzjonijiet finanzjarji konċernati kif ukoll li l-attur ma' sofra ebda preġudizzjoni jew lezzjoni tad-drittijiet tiegħu;

(9) Illi m'hemm ebda ndikazzjoni dwar il-ħtieġa tal-ħames talba peress l-istess talba hi kompriża fil-finijiet tat-tieni talba;

(10) Dwar is-sitt talba, l-intimati jirrimettu ruħhom għall-ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjeż kollha ta' din l-istanza u dawk kollha relatati, kif ser jiġu ndikati fil-mori tal-kawża, kontra l-attur Carmel Micallef, *stante* li kien hu biss li kkreja d-dewmien u ostakola d-diviżjoni u l-likwidazzjoni tal-wirtijiet *de quo*.

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Marzu 2011 fejn innominat bħala Perit Tekiku lill-A.I.C. Mario Cassar biex jirrelata dwar it-talbiet attriċi, kompriż ukoll li jagħmel stimi tal-proprjetajiet immobbli;

Rat l-affidavit tal-attur. (Fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2015 Dr Juliette Galea għall-konvenut iddikjarat li kienet qed tirrinunzja għall-kontro-eżami tal-attur);

Rat l-affidavit tal-konvenut Joseph Micallef u semgħet id-diversi kontro-eżamijiet tiegħu;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat il-verbal tas-7 ta' Novembru 2014 fejn ordnat l-allegazzjoni tal-proċess tal-kawża 489/08 JZM (fl-ismijiet **"Carmel *sive* Charles Micallef vs Joseph Frederick Micallef"**);

Rat ir-rapport tal-perit tekniku li ġie ppreżentat fis-27 ta' April 2015;

Rat id-digriet tas-16 ta' Mejju 2017 li permezz tiegħu ġew innominati l-Avukat Dr Josette Sultana u l-Prokuratur Legali Nicolette Aquilina bħala kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-assenti konvenut Edwin Micallef, minflok Dr Juliette Galea;

Rat ir-risposta tal-kuraturi Dr Josette Sultana u l-Prokuratur Legali Nicolette Aquilina li ġiet ippreżentat fit-13 ta' Lulju 2017 fejn eċċepew:

(i) Illi f'dan l-istadju l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u għalhekk jirriservaw li jippreżentaw risposta ulterjuri fi stadju aktar avvanzat tal-proċeduri jekk jkun il-każ.

(ii) Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tas-26 ta' Lulju 2017 li permezz tiegħu ġiet ordnata s-sostituzzjoni tal-kuratriċi Nicolette Aquilina skont min imissu t-turn, u dan *stante* li hija kienet iffirmat ir-rikors promutur tal-attur fit-30 ta' Diċembru 2010;

Eżaminat is-sottomissjonijiet tal-attur Carmel Micallef u tal-konvenut Edwin Micallef (kif rappreżentat mill-kuratriċi Dr Josette Sultana).

**<u>Kronoloġija ta' provi</u>**

Il-kontendenti huma lkoll aħwa, ulied Joseph Micallef (*sive* Joseph Micallef Inguanez) u Antoinette née Barbara. L-ewwel ma mietet kienet l-

omm, fit-8 ta' Diċembru 1979, imbagħad 22 sena wara, fit-2 ta' Marzu 2002, miet il-missier.

**Meta mietet l-omm fit-8 ta' Diċembru 1979, l-assi tagħha ntirtu mit-tlett uliedha u minn żewġha**, u dan skont id-dispożizzjonijiet tat-testment *unica carta* tat-30 ta' Ottubru 1978[1]. (Jiġi spjegat li skont it-testment, il-missier akkwista b'legat kwart (¼) tal-beni kollha tagħha, u l-użufrutt tat-tlett kwarti (¾) l-oħra. It-tlett itfal kienu l-eredi universali. Għalhekk jiġi li l-missier u t-tlett ulied wirtu kwart (¼) kull wieħed mill-beni tagħha, filwaqt li l-missier kellu l-użufrutt fuq il-beni li wirtu l-ulied. Il-konvenut Joseph Micallef ġie istitwit bħala esekutur testamentarju).

Id-denunzja relattiva, datata 26 ta' Frar 1980[2] telenka s-segwenti assi:

*Immobbli: Lm7,405.00 (½ ta' Lm14,810)*

- ½ indiviż mill-fond (first floor) 6 u mill-istore 6A sottostanti, li jinsabu f' Shepherds Street, Rabat
  (valur ta' tali ½ indiviż: Lm2,150.00)
- ½ indiviż mill-fond (first floor) 33, St Michael Street, Rabat
  (valur ta' tali ½ indiviż: Lm900.00)
- ½ indiviż mill-garaxx 34, St Michael Street, Rabat, sottostanti l-fond 33
  (valur ta' tali ½ indiviż: Lm140.00)
- ½ indiviż mit-terran *May Bee*, St Edward Street, Rabat
  (valur ta' tali ½ indiviż: Lm440.00)
- ½ indiviż mit-terran 30, Bognor Beach, Bugibba
  (valur ta' tali ½ indiviż: Lm450.00)
- ½ indiviż mill-bini fuq plot 12a Monte Rosa Gardens, San Ġiljan
  (valur ta' tali ½ indiviż: Lm3,325.00)

[1] Testment tat-30 ta' Ottubru 1978, fl-atti tan-nutar Joseph Brincat, fol 180 et seq.
[2] Denunzja tal-assi ta' Antoinette Barbara, datata 26 ta' Frar 1980, fol 183-187/267-271

| | |
|---|---|
| *Kontijiet/stocks:* | *Lm3,525.04 (½ ta' Lm7,050.08)* |
| *Flus fl-idejn:* | *Lm 70.00* |
| *Deheb (3 crieket):* | *Lm 55.90* |
| *Għamara:* | *Lm 220.00 (½ ta' Lm440.00)* |
| *Karozza:* | *Lm 225.00 (½ ta' Lm450.00)* |

Ġie dikjarat Ii l-passivi kienu jammontaw għal Lm962.40.

Bi żvista fid-denunzja ta' Antoinette Micallef née Barbara ma ġiex inkluż qabar nru 211 fiċ-ċimiterju ta' Santa Margerita, Rabat, li kien inxtara meta kienet għadha ħajja.

Sakemm miet il-missier fl-2002, inbiegħu tnejn mill-proprjetajiet indikati fid-denunzja: il-fond ta' San Ġiljan, u t-terran ta' Bugibba. Ovvjament is-sidien ta' tali fondi kienu l-kontendenti (li kellhom $^1/_8$ kull wieħed) u l-missier (li kellu 5/8 u l-użufrutt fuq ir-rimanenti $^3/_8$ proprjeta` ta' wliedu).

Fir-rigward tal-fond ta' San Ġiljan, jirriżulta li dan inbiegħ fl-1988[3] għall-prezz ta' Lm20,000. Fuq il-kuntratt deher il-missier f'ismu u f'isem it-tlett uliedu, debitament awtorizzat minnhom permezz ta' prokura.[4] (Mir-rikavat tal-prezz kull wieħed mit-tfal kellu Lm2,500). Il-flus inżammu mill-missieru u kwalsiasi imgħax li ddekorra fuq l-Lm7,500 jifforma parti mill-użufrutt tal-missier.

Fir-rigward tal-fond ta' Bugibba, jirriżulta li dan inbiegħ fl-1994 għall-prezz ta' Lm13,000. Bħala sidien ta' $^1/_8$ kull wieħed, il-kontendenti kellhom dritt għal Lm1,625 kull wieħed. Fil-fatt il-partijiet qed jaqblu li

[3] Ara Dok 'CM6', fol 119
[4] kuntratt ta' bejgħ tal-fond ta' San Giljan, fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino, fol 189 *et seq*

tali ammont ġie depożitat fil-kontijiet ta' kull wieħed mitt-tlett ulied[5] bil-kundizzjoni li ma jintmessux sakemm imut il-missier, u li l-interessi joħodhom il-missier bħala użufruttwarju.

**Meta miet il-missier fit-2 ta' Marzu 2002 l-assi tiegħu ntirtu mill-konvenuti Joseph u Edwin Micallef; lill-attur ħallielu biss il-leġittima**. Jiġi spjegat li fis-26 ta' Ġunju 1997 il-missier kien għamel testment[6] li permezz tiegħu ħassar kwalunkwe testment ieħor preċedenti. Fil-Ħdax-il Artikolu huwa istitwixxa lill-konvenuti odjerni bħala l-eredi universali tiegħu u fit-Tmin Artikolu iddikjara li lill-attur kien qed iħallilu biss il-leġittima *"billi ... minn dejjem kien jiddeletta u jattiva dawk il-poteri li tagħtih il-liġi akkost li t-testatur iġiegħlu jbati bla bżonn ...."*. Fit-Tieni Artikolu nnomina lill-konvenut Joseph Micallef bħala l-eżekutur testamentarju (bħalma kien hekk nominat fit-testment *unica carta* tal-1978). Huwa ħalla ukoll legat ta' Lm1,000 lil Joseph Micallef, mhux biss bħala remunerazzjoni iżda wkoll bħala rikonixximent ta' dak kollu li għamel miegħu. Fis-Seba' Artikolu ħalla lil Carmen Zammit, bint oħtu, legat ta' Lm250. Fid-Disa' Artikollu ħalla lill-konvenut Edwin Micallef (ibnu li jgħix barra minn Malta) bħala prelegat il-parti indiviża tiegħu ($^5/_8$) mill-fond "MayBee" f'St Edward Street, Rabat, b'dak kollu li jinsab fih, b'dan li l-istess Edwin (i) iħallas lil ħutu dik il-parti li hija dovuta lilhom bħala eredi min-naħa tal-omm u (ii) iħallas lil ħutu id-dritt dovut lilhom provvenjenti mis-sehem tiegħu (ċjoe' l-missier). Fl-Għaxar Artikolu ta l-fakolta` lil ħutu (u n-nisa u l-irġiel tagħhom) li jindifnu fil-qabar 211, taċ-Ċimiterju ta' Santa Margerita fir-Rabat.

[5] Kopja ta' ċekk fl-ammont ta' Lm1,625 maħruġ mill-missier lill-attur, datat 21 ta' Diċembru 1994, fol 121
[6] Testment tas-26 ta' Ġunju 1997, fl-atti tan-nutar Joseph Brincat, fol 204 et seq

Fit-13 ta' Mejju 1999 il-missier għamel kambjament fl-Għaxar Artikolu tat-testment fuq imsemmi (fejn kien ta lil ħutu l-fakolta biex jindifnu fil-qabar tiegħu, nru 211). Dan l-artikolu ġie mħassar u minfloku it-testatur iddikjara li kien qed iħalli lil ibnu Joseph Micallef l-oġġetti mobbli kollha li ġew akkwistati wara l-mewt ta' martu u li għalhekk ma jiffurmawx parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Il-konvenut Joseph Micallef xehed li huwa qatt ma rnexxilu jiġi kkonfermat bħala eżekutur testamentaju minħabba ostakoli kontinwi da parti tal-attur. Spjega li minħabba f'hekk il-Borża ta' Malta u l-banek Maltin kienu fil-fatt waqfu jibagħtulu *statements* dwar il-kontijiet tad-defunt missieru. Huwa fl-affidavit tiegħu ta rendikont tal-valur tal-assi monetarji tal-missier. Spjega li dawn jikkonsistu fi Stocks tal-Gvern (bl-interessi akkumulati sas-16 ta' Settembru 2014, meta kiteb l-affidavit), kif wkoll f' kontijiet tal-BOV u bonds ta' "Eden" u ta' "Gasan" (ukoll bl-imgħaxijiet akkumulati), liema kontijiet u bonds ġew żbankati fl-24 ta' Settembru 2010 u distribwiti bejn iż-żewġ konvenuti min-Nutar Dorianne Agius.

*Stocks tal-Gvern*

| | |
|---|---|
| Stocks tal-Gvern maturati (miżmuma ta-Teżor) | €112,974.00 |
| Stocks tal-Gvern għadhom investiti (miżmuma l-Borza ta' Malta) | € 59,166.00 |
| Interessi (ġenerati sa Settembru 2014, meta kiteb l-affidavit) | € 95,103.00 |
| Total | **€267,243.00** |

*Dan l-ammont ta' €267,243.00 huwa ammont gross bla tnaqqis ta' taxxa (Final withholding tax - FWT)*

*Bilanċi f' kontijiet tal-BOV sa 24.09.2010*

| | | |
|---|---|---|
| Current A/C | 40010546682 | € 1,257.00 |
| Savings A/C | 11201069075 | € 20,546.25 |
| Reserve Current A/C | 11201069059 | € 2.32 |

| | |
|---|---|
| Total | **€ 21,805.57** |

*Bilanċi f' bonds ta' Eden u Gasan sa 24.09.2010*

| | |
|---|---|
| Eden Finance 6.7% Bonds – kapital + interessi | € 5,764.00 |
| Gasan 6.5% Bonds – kapital + interessi | € 5,897.00 |
| Total | **€ 11,661.00** |

It-TOTAL ta' dawn l-assi monetarji kollha jiġi €300,709.57

Peress li dan l-ammont jinkludi l-ammont ta' stocks (€267,243) qabel it-taxxa, u peress li l-FWT tkun ta' 15%, din il-qorti ser tnaqqsu għal €227,156.55.

B'hekk din il-qorti ser tqis li t-total tal-assi monetarji huwa ta' **€260,623.12**

**L-esekutur testamentarju u d-diviżjoni ta' parti mill-assi bejn il-konvenuti:**

Il-konvenut Joseph Micallef ma ġiex ikkonfermat bħala esekutur testamentarju iżda jidher li dan ġara minħabba l-oppożizzjoni tal-attur stess. Fil-fatt il-konvenut ippreżenta tlett rikorsi biex jiġi kkonfermat bħala esekutur testamentarju u l-attur irreġistra l-oppożizzjoni tiegħu. Fl-affidavit tiegħu il-konvenut Joseph Micallef xehed li kien hemm bilanċi f'kontijiet tal-BOV (€21,805) u kapital + interessi f' bonds ta' "Gasan" (€5,897) u ta' "Eden" (€5,764) li ġew żbankati u distribwiti bejnu u bejn ħuh il-konvenut Edwin Micallef. Fix-xiehda tiegħu in kontro-eżami ikkonferma li żbankaw l-€21,805 pero` fir-rigward tal-bonds qal li ma żbankaw xejn. Fi kwalunkwe każ il-konvenuti bl-ebda mod ma huma qed jivvantaw xi

pretenzjoni fuq dawn il-flejjes u għalhekk jidher li qed jaqblu li dawn jiffurmaw parti mill-massa ereditarja. Għaldaqstant ma jidhirx li ġew leżi xi drittijiet tal-attur.

**Diviżjoni u assenjazzjoni tal-beni immobbli bejn l-aħwa:**

Il-perit tekniku l-A.I.C. Mario Cassar fl-2015 ivvaluta l-proprjeta` immobbli (li ovvjament tifforma parti mill-beni kemm tal-omm kif ukoll tal-missier). Jiġi spjegat illi l-fond f'Shepherds Street Rabat jinsab mikri lin-neputija tal-missier (bint oħtu); il-garaxx adjaċenti għal tali ukoll kien jinkera pero` ġie rilaxxjat fl-2003. Il-valuri li ta l-perit tekniku huma dawn:

| | |
|---|---|
| • Fond 6 (69) Shepherds Street, Rabat (valur bħala mikri) | € 60,000 |
| • Garaxx 6 (69) Shepherds Street, Rabat | €105,000 |
| • Fond 37 (58) St Michael Street, Rabat | €100,000 |
| • Garaxx 37 (58) St Michael Street, Rabat | € 30,000 |
| • "Maybee" St Edward Street, Rabat | € 90,000 |
| • Qabar, nru 211, St Margaret's Cemetery, Rabat | € 11,000 |
| **Valur totali** | **€396,000** |

Kif fuq spjegat, wara l-mewt tal-omm, is-sehem ta' nofs ½ indiviż li kellha mill-proprjeta` immobbli intirtu hekk: il-missier ħa ¼ bħala legat u t-tlett aħwa bħala eredi universali ħadu ¼ kull wieħed mir-rimanenti ¾. Għaldaqstant l-attur għandu $^1/_8$ (9/72) mill-immobbli qua eredi ta' ommu.

Bħala leġittimatarju tal-wirt ta' missieru għandu $^1/_9$ mis-sehem ta' ½ ta' missieru, liema sehem kien ta' $^5/_8$ (½ bħala s-sehem tiegħu mill-komunjoni tal-akkwisti + ¼ li ħa bħala legat minn martu). Għaldaqstant l-attur

għandu 1/9[7] minn $^{5}/_{8}$ ($^{5}/_{72}$) tal-immobbli qua legittimatarju ta' missieru.

Jiġi għalhekk li l-attur għandu **$^{14}/_{72}$** ($^{9}/_{72}$ + $^{5}/_{72}$) mill-proprjeta` immobbli, filwaqt li l-konvenuti għandhom **$^{29}/_{72}$** kull wieħed.

Dwar il-fond Maybee, St Edward Street, Rabat jiġi imfakkar li kienet ix-xewqa tal-missier li tali proprjeta` issir ta' ibnu Edwin Micallef, li jgħix barra, tant li ħallielu prelegat ta' sehmu ($^{5}/_{8}$) mill-fond, b'dan li l-istess Edwin (i) iħallas lil ħutu dik il-parti li hija dovuta lilhom bħala eredi min-naħa tal-omm u (ii) iħallas lil ħutu id-dritt dovut lilhom provvenjenti mis-sehem tiegħu (ċjoe` il-missier).

Issa l-valur ta' dan il-fond fiż-żmien li mietet l-omm kien ta' Lm880. Is-sehem ta' ½ indiviż tal-omm kien ta' Lm440. Kull wieħed mill-aħwa kellu kwart indiviż (¼) minn tali sehem tal-omm, u ċjoe` Lm110 (ekwivalenti għal €256.30). Għalhekk Edwin Micallef għandu jħallas lill-attur u lill-konvenut Joseph Micallef €256.30 kull wieħed in rappreżentanza tas-sehem tagħhom minn dan il-fond qua eredi universali ta' ommhom. Kwantu għall-wirt tal-missier Edwin Micallef għandu jħallas lill-attur $^{1}/_{9}$ (qua legittimatarju) u lil Joseph Micallef $^{4}/_{9}$ (qua werriet) mis-sehem ta' $^{5}/_{8}$ li kellu l-missier minn dan il-fond, ikkalkulat fuq il-valur ta' … 90,000 euro kif stmat mill-perit tekniku.

Għalhekk il-konvenut Edwin Micallef:

[7] terz minn terz, vide Art 616(1), Kap 16

(i) **<u>għandu jħallas lill-attur €6,506</u>**:

€ 256.30 ($^{1}/_{4}$ ta' Lm440) +

€ 6,250.00 ($^{1}/_{9}$ ta' $^{5}/_{8}$ ta' <u>€90,000</u>

u

(ii) **<u>għandu jħallas lill-konvenut Joseph Micallef €25,256.30</u>**

€ 256.30 ($^{1}/_{4}$ ta' Lm440) +

€25,000.00 ($^{4}/_{9}$ ta' $^{5}/_{8}$ ta' €90,000)

Issa ladarba l-fond "Maybee", St Edward Street, Rabat għandu jingħata bħala PRELEGAT lill-konvenut Edwin Micallef, dan għandu jiġi separat mill-proprjeta` li trid tinqasam bejn it-tlett aħwa. Għalhekk il-valur tal-proprjeta` li triq tinqasam bejn it-tlett hija ta' €306,000 u mhux €396,000. L-attur għalhekk irid jieħu **<u>€59,500</u>** ($^{14}/_{72}$ ta' €306,000) f'proprjeta` immobbli, filwaqt li kull wieħed mill-konvenuti irid jieħu **<u>€123,250</u>** ($^{29}/_{72}$ ta' €306.000).

Dwar il-qabar, din il-qorti ma jidhirlhiex li dan għandu jiġi assenjat lil xi wieħed mill-aħwa; huwa xieraq li jinżamm bejniethom ilkoll, u għalhekk ser tħallih indiviż bejn it-tliet aħwa.

Peress li hemm tlett idjar, u Edwin Micallef għandu waħda bħala prelegat, ser tassenja t-tnejn l-oħra lill-attur u lill-konvenut Joseph Micallef.

Ikkunsidrat dan kollu din il-qorti ser taqsam il-proprjeta` immobbli kif ġej:

<u>(1) L-attur jieħu s-segwenti proprjetajiet</u>:

- ⅓ tal- qabar, nru 211, St Margaret's Cemetery, Rabat € 3,666

| | | |
|---|---|---|
| • Fond 6 (69) Shepherds Street, Rabat | (valur bħala mikri) | € 60,000 |
| Total | | € 63,666 |

**Bħala ekwiparazzjoni għandu jagħti €4,166 lill-konvenut Edwin Micallef (u b'hekk ikun ħa €59,500)**

(2) Il-konvenut Joseph Micallef jieħu s-segwenti proprjetajiet:

| | |
|---|---|
| • ⅓ tal- qabar, nru 211, St Margaret's Cemetery, Rabat | € 3,666 |
| • Fond 37 (58) St Michael Street, Rabat | €100,000 |
| • Garaxx 37 (58) St Michael Street, Rabat | € 30,000 |
| Total | €133,666 |

**Bħala ekwiparazzjoni għandu jagħti €10,416 lill-konvenut Edwin Micallef (u b'hekk ikun ħa €123,250)**

(3) Il-konvenut Edwin Micallef jieħu s-segwenti proprjetajiet:

| | |
|---|---|
| • ⅓ tal- qabar, nru 211, St Margaret's Cemetery, Rabat | € 3,666 |
| • Garaxx 6 (69) Shepherds Street, Rabat | €105,000 |
| Total | €108,666 |

**Bħala ekwiparazzjoni għandu jieħu €4,166 mingħand l-attur u €10,416 mingħand il-konvenut Joseph Micallef (u b'hekk ikun ħa €123,248).**

## Diviżjoni tal-assi monetarji bejn l-aħwa

Kif fuq spjegat, din il-qorti qed tqis li t-total tal-assi monetarji tal-missier huwa ta' €260,623.12 (wara li naqqset 15% taxxa minn fuq l-istocks).

Dan l-ammont għandu jitqies li jinkludi wkoll l-assi monetarji tal-omm li meta mietet ma tqassmux bejn it-tlett ulied. L-omm kellha Lm3,595.04 f'assi monetarji (Lm3,525.04 + Lm70), pero` kien hemm passivi ta' Lm962.40. Għaldaqstant ħalliet assi monetarji netti ta' Lm2,632.64, ekwivalenti għal **€6,134.05**. Minn dan l-ammont il-kontendenti flimkien kellhom $^3/_4$, li jiġu **€4,600.53**. Kull wieħed kien intitolat għal $^1/_4$, u ċjoe` €1,533.51. (Kwalsiasi imgħax li ddekorra fuq din is-somma ta' €6,134.05

jifforma parti mill-użufrutt tal-missier).

*Inoltre* meta inbiegħ il-post ta' Bugibba (Lm13,000) fl-1994 it-tlett ulied ħadu is-sehem tagħhom ta' Lm1,625 kull wieħed (1/8 ta' Lm13,000), iżda meta nbiegħ il-post ta' San Ġiljan (Lm20,000) fl-1988 dawn baqgħu għand il-missier. Minn dan l-ammont il-kontendenti flimkien kellhom $^3/_8$, li jiġu Lm7,500, ekwivalenti għal **€17,475**. Kull wieħed kien intitolat għal $^1/_8$, cioe` Lm2,500, ekwivalenti għal **€5,825**. (Kwalsiasi imgħax li ddekorra fuq din is-somma ta' €17,475 jifforma parti mill-użufrutt tal-missier). Għalhekk għandu jitqies li l-ammont ta' €260,623.12 jinkludi wkoll l-imsemmija €17,475.

Wieħed irid iqis ukoll is-sehem tal-omm mill-vettura, liema sehem kellu valur ta' Lm225 (ċjoe` ½ ta' Lm450), ekwivalenti għal €524.25, li minnu l-kontendenti kellhom $^3/_4$, li jiġu Lm56.25 (€131.06) kull wieħed. Għalhekk għandu jitqies li l-ammont ta' €260,623.12 jinkludi wkoll l-imsemmija €393.187.

Għalhekk a skans ta' ekwivoċi, is-somma ta' **<u>€260,623.12</u>** għandha titqies li tinkludi:

(i) l-ammont ta' **€4,600.53** li jirrappreżenta l-ishma tal-kontendenti mill-assi monetarji tal-omm (€1,533.51 x 3); u

(ii) l-ammont ta' **€17,475** li jirrappreżenta l-ishma tal-kontendenti fir-rigward tal-post ta' San Ġiljan (€5,825 x 3); u

(iii) l-ammont ta' **€393.187** (€131.06 x 3) li jirrappreżenta l-ishma tal-kontendenti fir-rigward tal-vettura Triumph Herald

Għaldaqstant wara li jitnaqqas l-ammont ta' €22,468.72 (€4,600.53 + €17,475+€393.187) il-bilanċ li jifdal mil-assi monetarji tal-missier huwa ta' **<u>€238,154.40.</u>**

Minn dan l-ammont l-attur għandu 1/9 (terz minn terz) li jiġi **<u>€26,461.60.</u>**

Mir-rimanenti €211,692.80 qabel ma dawn jitqassmu bejn iż-żewġ konvenuti, iridu jitnaqqsu is-segwenti ammonti:

- Lm250 (**€582.50**) rappreżentanti l-legat li l-missier ħalla lin-neputija Carmen Zammit;
- Lm1,000 **(€2,330)** rappreżentanti l-legat li l-missier ħalla lill-konvenut Joseph Micallef.

Dan iwassal għall-ammont ta' €208,780.30, u allura kull wieħed mill-konvenuti jiġi li jieħu **<u>€104,390.15</u>** (u l-konvenut Joseph Micallef jieħu **<u>€2,330</u>** oħra).

In suċċint għalhekk l-assi monetarji allura għandhom jiġu diviżi hekk:

| | **Carmel** | **Joseph** | **Edwin** |
|---|---|---|---|
| assi monetarji tal-omm | € 1,533.51 | € 1,533.51 | € 1,533.51 |
| bejgħ fond San Ġiljan | € 5,825.00 | € 5,825.00 | € 5,825.00 |
| vettura | € 131.06 | € 131.06 | € 131.06 |
| assi monetarji tal-missier | €26,461.60 | €106,720.15 | €104,390.15 |
| Total | **€33,951.17** | **€114,209.72** | **€111,879.72** |

**<u>Wara li jsiru l-ekwiparazzjonijiet relattivi għad-diviżjoni tal-beni immobbli, u wara li Edwin Micallef iħallas lil ħutu dak dovut lilhom</u>**

**fir-rigward tal-prelegat**, it-TOTAL FINALI ta' flus li għandhom jieħdu l-kontendenti huwa dan:

| | Carmel | Joseph | Edwin |
|---|---|---|---|
| assi monetarji tal-omm | € 1,533.51 | € 1,533.51 | € 1,533.51 |
| bejgħ fond San Ġiljan | € 5,825.00 | € 5,825.00 | € 5,825.00 |
| vettura | € 131.06 | € 131.06 | € 131.06 |
| assi monetarji tal-missier | €26,461.60 | €106,720.15 | €104,390.15 |
| Total | **€33,951.17** | **€114,209.72** | **€111,879.72** |
| Ekwiparazzjoni: | - € 4,166.00 | - € 10,416.00 | +€ 14,582.00 |
| **TOTAL** | **€ 29,785.17** | **€103,793.72** | **€126,461.72** |
| Ħlas da parti ta' Edwin lil ħutu re prelegat fond *Maybee* : | | | |
| (re wirt tal-omm) | + € 256.30 | +€ 256.30 | - € 512.60 |
| (re wirt tal-missier) | + € 6,250.00 | +€ 25,000.00 | - € 31,250.00 |
| **TOTAL FINALI** | **€ 36,291.48** | **€129,050.02** | **€ 94,699.12** |

## DEĊIŻJONI

**Għal dawn il-motivi din il-qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tastjeni milli tippronunzja ruħha dwar ir-raba' (4) u s-sitt (6) talbiet; u tilqa' l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) u l-ħames (5) talbiet KONĠUNTIVAMENT b' dan il-mod:**

- **tassenja l-beni immobbli mill-wirt taż-żewġ ġenituri lill-kontendenti kif ġej:**

    (1) **L-attur Carmel Micallef jieħu ⅓ indiviż tal-qabar, nru 211, St Margaret's Cemetery, Rabat, u l-fond 6 (69) Shepherds Street, Rabat (preżentement mikri lil kuġintu Carmen Zammit);**

    (2) **Il-konvenut Joseph Micallef jieħu ⅓ indiviż tal-qabar, nru 211, St Margaret's Cemetery, Rabat; l-fond 37 (58) St**

**Michael Street, Rabat u l-garaxx 37 (58) St Michael Street, Rabat;**

**(3) Il-konvenut Edwin Micallef jieħu ⅓ indiviż tal-qabar, nru 211, St Margaret's Cemetery, Rabat; il-garaxx 6 (69) Shepherds Street, Rabat, u bħala PRELEGAT jieħu l-fond "Maybee", St Edward Street, Rabat.**

- **tassenja l-beni monetarji mill-wirt taż-żewġ ġenituri lill-kontendenti kif ġej:**

  **(1) L-attur jieħu €36,291.48;**
  **(2) Il-konvenut Joseph Frederick Micallef jieħu €129,050.02; u**
  **(3) Il-konvenut Edwin Micallef jieħu €94,699.12.**

- **Kwalsiasi ammont li jiżboq is-somma ta' (mitejn u sittin elf, sitt mija tlieta u għoxrin Ewro u tnax-il ċenteżmu) €260,623.12 f'assi monetarji (minħabba l-imgħaxijiet li jkunu iddekorrew) għandu jitqassam bejn il-kontendenti fl-ishma ta' $^{1}/_{9}$ lill-attur u $^{4}/_{9}$ lil kull wieħed lill-konvenuti.**

- **Fir-rigward tal-assi mobbli ma hemmx valutazzjoni fl-atti. Skont it-testment tal-missier, dak kollu li jinsab fil-fond "Maybee" St Edward Street, Rabat, huwa ta' Edwin Micallef u dak kollu li ġie akkwistat mill-missier wara l-mewt tal-omm huwa ta' Joseph Micallef. Lil ħuh Toninu ħallielu għaxar biċċiet għodda a xelta tiegħu. Lill-konvenut Edwin Micallef ħallielu kull xorta ta' *"drawing instruments"* u materjal relatat mad-*"drawing"*; filwaqt li lill-**

**konvenut <u>Joseph Micallef</u> ħallielu kull xorta ta' għodod, *"workshop equipment"*, "*raw material*" u *"fittings"*. Fir-rigward tat-tlett pitturi ta' omm il-kontendenti, ta' missier missier il-kontendenti, u ta' Winston Churchill, dawn tħallew lill-konvenuti (<u>Joseph u Edwin Micallef</u>) u lil ħuh Toninu, u ħalla lill-imsemmija tlett persuni jiddeċiedu bejniethom dwar liema pitturi jieħdu. <u>Din il-Qorti tordna għalhekk li fir-rigward tal-kumplament tal-assi mobbli, inkluż għamara, dawn jittellgħu bil-polza bejn il-kontendenti, fejn ma jkunx hemm qbil bejniethom</u>.**

- **Fir-rigward tal-<u>tliet ċrieket</u> tal-omm, ma hemmx valutazzjoni fl-atti. <u>Din il-qorti tordna ukoll li dawn ukoll jittellgħu bil-polza bejn il-kontendenti jekk ma jkunx hemm qbil dwar min għandu jieħu liema ċurkett.</u>**

- **Fir-rigward tal-<u>kera tal-fond mikri</u> lil Carmen Micallef, il-konvenut Joseph Frederick Micallef xehed li kien laħaq ġabar (elf mija u wieħed u għoxrin Ewro) €1121, u preżentement il-kera qed tiġi depożitata fil-qorti. Dan il-fond illum qed jiġi assenjat lill-attur. <u>L-imsemmija (elf mija u wieħed u għoxrin) €1121 (inkluż imgħaxijiet[8]) u kwalsiasi ammonti oħra ta' kera li ġew depożitati fil-qorti għandhom jitqassmu (wara li jitnaqqsu l-ispejjeż) bejn il-kontendenti fil-porzjon ta' $^{14}/_{72}$ lill-attur u $^{29}/_{72}$ lil kull wieħed mill-konvenuti</u>. (Il-porzjon ta' $^{14}/_{72}$ jirrifletti is-sehem li għandu l-attur**

---

[8] Joseph Micallef xehed li l-€1121 iddepożitahom f'kont tal-BOV f'ismu u semmih "Inguanez" għal missieru. Spjega li l-Bank ma ħallihx isemmi l-kont *"heirs of Joseph Micallef Inguanez"* peress li ma kienx konfermat bħala esekutur testamentarju. Qal li ta rendikont tan-numru tal-kont aktar minn darba lill-attur.

**mill-post kemm bħala eredi universali ta' ommu u kif ukoll bħala legittimatarju ta' missieru).**

- **Il-Qorti tinnomina lin-Nutar Silvana Borg Caruana biex tippubblika l-att relattiv u l-Avukat Dottor Victor Bugeja bħala kuratur biex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċji fuq l-att li ghandu jigi pubblikat f'data, hin u lok li tiffissa din il-Qorti fuq talba ta' xi ħadd mill-partijiet jew minn Nutar nominand.**

**<u>L-ispejjeż</u> ta' dawn il-proċeduri u tal-att relattiv imsemmi għandhom jitħallsu mit-tlett kontendenti fil-porzjon ta' ($^1/_3$) kull wieħed.**

**Moqrija.**

**Joseph Azzopardi**
**S.T.O. Prim Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**